## IN-NAMRAT

Lejl tas-sajf bid-dawl ta' qamar
Isbaħ minnu le ma hemmx;
Ġejt haw' jien biex nara l-qamar?......
Le, jien ġejt biex nara x-xemx.

Lilek xemx insejjaħ, xbejba
Li għajnejja mlejt bid-dija:
Jekk tassew, kif turi, tħobbni,
Ixref ftit fil-gallarija.

## IN-NAMRATA

Narra ninsa r-rakkmu, l-ħjata,
Jekk ma nħobbx lilek, ħanini,
Għaliex iżda, kiefer l'inti,
Nistenniek s'issa tħallini?

Xi ħadd ieħor ġewwa qalbek
Forsi żammek sa dal-ħin?
Forsi dik li żifnet miegħek
Meta konna fl-aħħar żfin?

I.

Narra ninsa naqra u nikteb
Jekk ma nħobbok daqs għajnejja!
Lilek biss ħabbejt, u nħobbok
Sa ma l-mewt titfaċċa lejja.

Li ma nħobbx lilek, ħanina,
U la nista' anqas irrid.
Int jassartni, ma f'dal-jasar
Nara l-hena ta' kull ġid.

II

Nemmnek jiena billi f'qalbi
Għalik għandi mħabba kbira:
Ma kif nista' nħobbok sewwa
Bla ma nħoss għalik xi għira?